



# PARROĊĊA SANTA MARIJA

## BIRKIRKARA

8 TA' MEJJU 2005

*"B'dan id-Digriet inwaqqaf u nistabilixxi din l-komunita' Nisranija bħala Parroċċa taħt it-titolu ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema"*

DIGRIET TAL-KURJA ARĊIVESKOVILI TA' MALTA





pg2. Messaġġ mill-Arċisqof ta' Malta l-E.T. Mons. Guzeppi Mercieca

pg3. Messaġġ tal-Kappillan, Fr. Emmanuel Camilleri

pg4. Messaġġ Moderatur KPP.

pg5. Messaġġ minn Dun Pawl Camilleri (ex-Rettur)

pg6. Messaġġ minn Dun Faustino Ellul (ex-Rettur)

pg7. Messaġġ minn Dun Ġwann Sammut (ex-Rettur)

pg9. Artiklu Storiku bl-isem ta' "L-Istorja tal-Parroċċa Santa Marija Birkirkara


# Stedina

Il-Kappillan u l-Kleru u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali
jistiednu lill-Komunita Parrokkjali kollha
tieħu sehem fiċ-Ċelebrazzjonijiet
fl-okkażjoni tat-twaqqif
taż-Żona tagħna bħala Parroċċa.

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITEN

Fl-okkażjoni tat-twaqqif ta' din il-Parroċċa ddedikata lil Ala taħt it-titlu ta' Marija Mtellgħa s-Sema ma nistax ma nfakkarkomx f'dak li jgħid id-dokument tas-Sinodu dwar il-Knisja u Marija.

Il-Knisja, u fil-konkret intom bħala Parroċċa, tridu tixbħu lil Marija, Omm il-Knisja. Marija tagħraf li hi l-Qaddejja tal-Mulej u tistqarr li Alla xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-Qaddejja Tiegħu. Marija, bniedma bħala, toffrilna eżempju qawwi: bħala Qaddejja tal-Mulej, turina t-Triq kif insiru Nsara ta' fidi u Parroċċa matura. L-istil ta' Marija jrid ikun, jinħass u jidher, fl-istil ta' kif naħsbu, kif naslu biex nagħmlu l-għażliet tagħna u kif immexxu l-ħidmiet kollha tagħna.

Inħeġġeġ lill-Kappillan, Saċerdoti u Lajċi mpenjati li tgħixu f'din il-Parroċċa biex tiskopru mill-ġdid u timpenjaw ruħkom biex flimkien ma' Marija tkunu qaddejja ta' Kristu l-Mulej u tal-bnedmin kollha li fosthom taqdu l-missjoni tagħkom. Imitaw lil Marija u lil Binha biex bl-istrutturi, l-għaqdiet u l-kummissjonijiet tal-Parroċċa, aktar tħossu l-bżonn li tpoġġu lilkom infuskom qrib il-bnedmin ħutna.

Marija l-ewwel Dixxiplu ta'Ġesu', takkompanjakom fil-mixja bħala Parroċċa.

Waqt li ningħaqad magħkom fil-ferħ ta' din l-okkażjoni, nagħtikom il-barka pastorali tiegħi.

✠ Guzeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta

# *Il-Parroċċa nagħmluha aħna!*

Il-Komunita' Parrokkjali tagħna fit-8 ta' Mejju se tkun timmarka mument qawwi u tant mistenni li jingħata lilna status ta' Parroċċa. Żgur li din ir-realta' ġdida għandha tifsira differenti qads kull wieħed u waħda minna f'din iż-Żona. Fil-ħajja tagħna jidħlu prijoritajiet differenti; importanti d-dar u l-familja, importanti x-xogħol, importanti l-preokkupazzjonijiet ta' saħħa u bżonnijiet li jinbtu minn żmien għal żmien. Dawn l-affarijiet ibiegħdu r-realta'u l-importanza ta' Parroċċa fil-ħajja personali tagħna mgħobbija bi pressjoniijiet bkar u mhux inqas, aljenazzjonijiet diversi.

Jibqa' l-fatt li Parroċċa ċċentarata madwar il-Knisja Parrokkjali ġġib lilna u lill-familja tagħna k'kuntatt dirett mal-esperjenza tal-Knisja. Din l-esperjenza tikkomunika lilna l-Fidi bis-sagramenti u bil-formazzjoni nisranija b'mod kontinwu. Il-Parroċċa tintroduċina, ssegwi u tibni fina l-ħajja interjuri-spiritwali u uman speċjalment bil-liturġija matul is-sena liturġika, il-qrar u l-Kelma t'Alla. Il-Parroċċa tqabbad lilna lkoll fil-mixjiet differrenti tagħna fl-ispiritwalita' fl-ewwel passi għal min irid u jaċċetta li jimxi iktar fil-fond mal-Mulej.

Nistedinkom napprezzaw din ir-realta' tal-Knisja fostna u nagħmlu l-parti tagħna biex niggarantixxu il-ġid li jixtieq ikompli jagħmel il-Mulej fostna fil-possibilta' kollha. Għandna diġa' realta' sabiħa fostna, ħajja parrokkjali ħajja. Dan jinvolvi impenn qawwi minn tant persuni fostna anke minn barra ż-Żona tagħna. Jeħtieġ napprezzaw dan kollu u nagħtu s-sehem tagħna biex aħna stess nagħmlu esperjenza tal-Knisja-Komunita' iktar qawwija u rilevanti u nagħtuha lil xulxin, b'hekk il-piż ikun inqas u mifrux bejnietna lkoll.

Nitlob lil Marija, Omm il-Komunita' tagħna, biex tkompli takkompanja lil Parroċċa tagħna u taqla' mingħand il-Mulej Binha, barka ta' frott mill-misteru sabiħ ta' Alla fil-ħajja tagħna, fih u miegħu.

Fr Emmanuel

Fr Emmanuel Camilleri

# *Wasal il-mument tagħna wkoll*

Għandna tassew għal xiex nirringrazzjaw 'l Alla u 'l Ommna Marija li sa fl-aħħar reġgħa wasal il-mument tal-Komunita' tagħna wkoll. Il-fatt li komunita' ssir parroċċa ma tinvolvix xi pika jew tellieqa ma' għadd ta' postijiet oħra. Imma meta wieħed iqis kemm il-Komunita' tagħna hija waħda qadima u kemm kibret illum bħala żona, nintebħu tabilħaqq kemm kien wasal il-waqt li anke iż-żona tagħna tieħu dan it-titlu tassew xieraq.

Il-fatt li ser nerġgħu nsiru parroċċa mhux marbut biss mal-fatt li ser issir ġustizzja storika mal-Komunita' antika ta' Santa Marija. Dan ilkoll kemm aħna nafuh. Iżda daqstant importanti huwa l-fatt li din hija opportunita' biex ningħaqdu iktar bejnietna u nħossuna iktar membri ta' din il-parroċċa.

Dawk bħali li, sa minn twelidhom, għexu f'din il-parti ta' Birkirkara jafu minn kemm tibdil għadda kemm l-ambjent tal-madwar kif ukoll il-knisja bħala bini. L-għelieqi fejn konna nilgħabu l-football u niġru bir-roti llum saru toroq wisgħin u djar kbar u sbieħ. Imma allavolja kien hemm dawn it-tibdiliet kollha matul il-milja tas-snin, u għadd ta' nies ġew u oħrajn telqu, l-Knisja ta' Santa Marija hemm għadha, hemm baqgħet, tilqa' lin-nies li għexu u għadhom jgħixu madwarha, f'ħajjithom u anke f'mewthom, anke meta kienet mitluqa u mġarrfa.

Għal ħafna li ilhom joqogħdu hawn għal numru ta' snin, din l-okkażjoni hija waħda li jħossuha b'mod partikulari. Aħna li għal tant snin tajna servizz hawnhekk ilna bil-bosta noħolmu din il-ġurnata. Qabilna għexu din il-ħolma numru kbir ta' nies li llum m'għadhomx magħna, li b'dedikazzjoni u mħabba kbira middew idejhom għax-xogħol u bla heda ħadmu biex aħna ngawdu dak li għandna llum. Biss biss insemmu r-restawr li dam sejjer għal ħafna snin u n-numru ta' attivitajiet li kienu u għadhom jiġu organizzati biex il-membri ta' din il-parroċċa iħossuhom iktar maqgħudin flimkien. Il-Komunita' tagħna hija tassew ixxurtjatha li kellha ħafna nies ta' din ix-xorta fiha.

Għal dawk in-nies li huma ġodda fil-parroċċa tagħna, dan huwa mument ideali biex isiru iktar midħla tal-ħajja tal-parroċċa tagħna u huma wkoll iħossuhom parti minnha. Tassew, il-parroċċa tagħna hija tabilħaqq antika, imma ħajja u dejjem b'saħħitha.

J'Alla matul il-ġimgħa ta' attivitajiet li ħejjejna kulħadd jipparteċipa bi ħġaru. Il-Ħadd imbagħad ninġabru lkoll fil-knisja tant sabiħa tagħna biex flimkien nifirħu u nirringrazzjaw 'l Alla f'dan il-jum tant speċjali għalina lkoll.

Sandro Sciberras

# *Niftakar...*

Jekk niftakar sew, kien Awwissu tal-1986. Kont Segretarju Generali tal-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali. Kien is-sibt. Ċempilli s-Segretarju tal-Arċisqof, u qalli mmur il-Kurja, għax l-Arċisqof ried ikellimni. Mort mill-ewwel. L-Arċisqof qalli: "nixtieqek tmur tieħu ħsieb il-Knisja l-Qadima ta' B'Kara: il-problema tat-twieqi ġiet solvuta." Jien għedtlu: "lanqas il-bieb tagħha ma naf fejn hu, aseb u ara kemm naf bit-twieqi tagħha." Insomma, ovvjament aċċettajt. U bdejt nagħti servizz hemm.

Fi żmieni ir-Rettur ma kienx jieħu l-famuż "pussess". Kelli nintroduċi lili nnifsi f'kull Quddiesa tal-Ħadd. Imbagħad, biex insir naf it-toroq u n-nies, mort inqassam jien l-istedina għar-Rużarju t'Ottubru: f'kull ġurnata tlabna għall-familji ta' xi Toroq. In-nies ikkoperat mhux ħażin. Bil-mod il-mod bdejna naqbdu u niftehmu.

Niftakar li mill-bidu għenuni ħafna l-Kan V.Ciappara, Abram u Ġużeppi (Alla jaħfrilhom), is-Sorijiet Franġiskani u l-membri tal-M.U.S.E.U.M. u diversi lajċi li biż-żmien saru l-operaturi pastorali u l-membri tal-Kummissjonijiet u l-Gruppi li twaqqfu, fosthom il-Kummissjoni Liturġija, il-Kummissjoni Fund Raising u l-Kumitat Bini. Aktar tard twaqqaf il-Praer Group. Mhux possibli nsemmi dak kollu li sar, speċjalment mil-lajċi: insemmi ftit:

- Il-bini ta' Ċentrun Pastorali, it-tkomplija tax-xogħol tal-Knisja bil-ħafna lavur u skultura li kien baqa' u it-tisbiħ ta' madwar il-Knisja;
- L-inizjattivi kollha tal-Fund Raising, li għamel il-mirakli;
- Il-pledges,il-Brochure, l-Exhibition il-Press Conference u l-ħidma li saret biex It-tkomplija tal-Knisja ssir issue nazzjonali;
- Il-proċessjonijiet tal-Madonna u ta' l-Irxoxt(bl-Iscouts);
- Iċ-Ċelebrazzjonijiet sbieħ tal-Ġimgħa Mqaddsa;
- Il-"bini" ta' sens a' komunita mal-bini l-ieħor li kellna
- Is-7 jew 8 irġiel li kienu jieħdu ħsieb iż-Żgħżagħ fiċ-Ċentru, u l-edukazzjoni nisranija ta' l-Adolexxenti;
- L-Għoti tad-Demm (lejliet Ħadd il-Palm u fil-Festa Marjana)

Insomma, bil-grazzja t'Alla, il-komunita bidet tifforma ruħha. Imbagħad, meta kważi ġejna biex inwaqqgħu il-famuż ħajt li kien hemm fil-Knisja, l-Arċisqof bagħatni nservi l-Ħamrun.

Kollox ma' kollox, għalija kienet esperjenza sabiħa. Nirringrazzja lil-Mulej għaliha. Nirringrazzja ukoll lil kull min għen fil-ħidma li saret, u li tkompliet tajjeb ħafna mir-Retturi li ġew warajja.

Issa, li ġejtu dikjarati Parroċċa (flimkien maż-Żona li fiha qed inservi jien- l-Iklin), nawguralkom li tkomplu mexjin 'il quddiem fil-ħidma u fl-Ispirtu nisrani u ekkleżjali. Inseli għall-familji kollha. Il-paċi magħkom

# *Pass! Pass! Tokk! Tokk!*

Xejn ma jsir f'daqqa; jista' jkun li tkabbir iħaffef iżjed minn ieħor, iżda kollox irid iż-żmien tiegħu. Il-Mulej innifsu ħa sebat ijiem biex ħalaq id-dinja u fl-aħħar ħalaq il-kapulavur tiegħu: il-bniedem jixbaħ lilu. Kollox pass, pass.

Żewġ arloġġi ltaqgħu fuq xkaffa. Wieħed kien qadim u tgħidx kemm kien ilu jaħdem u l-ieħor ġdid fjamant. Il-ġdid staqsa 'l qadim; kemm-il darba ntektku fis-sena? 31,536,000 darba, wieġbu l-ieħor. L-arloġġ il-ġdid ħass il-molol ta' ġo fih jixpakkaw. L-arloġġ antik induna u x'ħin rah hekk mifxul, qallu: taqtax qalbek ħija l-għażiż, kull ma teħtieġ, il-ħabel biex tibda u l-kuraġġ biex tkompli. It-tokki ma nagħmluhomx f'daqqa imma tokk, tokk.

L-istess għadda minn għala ż-Żona Santa Marija. Sa minn qabel ma saret Żona Awtonoma, fil-25 ta' Marzu, 1992, hi bdiet tinħema u tingħata l-ħabel biex ġurnata timxi waħidha. Grazzi għal deċiżjonijiet għaqlin u ħidma id f'id bejn saċerdoti u lajċi, iż-Żona bdiet issir ftit ftit dik il-Komunita' ħajja li hi l-qofol ta' kull parroċċa. Dan il-proċess wassal biex il-Kurja stabbiliet li ż-Żona Awtonoma ta' Santa Marija, fit-8 ta' Mejju 2005, issir Parroċċa.

Ara kemm huma kuntenti, l-mibkijin membri tal-Kapitlu Elenjan li ħafna snin ilu, bdew jagħġnu l-Familja t'Alla f'din in-naħa ta' B'Kara; x'jitbissmu ferħana mis-sema, saċerdoti u lajċi li taw servizz lil familji li kienu dejjem jiżdiedu fiż-Żona; jippermettuli niftakar partikolarment fil-ħbieb antiki tagħna, il-Kanonci Joe Bugeja, Joe Attard u Patri Markolin; Brother Piccinino u Peter; Guzeppi, Abraham u Josephine; għandom ukoll biex iħossuhom kburin il-Komunitajiet tad-Dar tal-Kleru u ta' San Alwigi, is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu', is-Soċjeta' tal-Museum, il-Moviment Karismatiku u l-Legion of Mary li Alla waħdu jaf il-piz tal-kontribut tagħhom tul is-snin; xi ngħidu mbagħad għall-membri tad-diversi Kunsilli Pastorali Parrokkjali, tal-Kummissjonijiet tal-Liturġija, Kateketika u Djakonija kif ukoll il-Gruppi tal-kant, fundraising, tindif u tiżjin. Kemm nies stinkaw mar-Retturi taż-Żona (fosthom miegħi) biex megħjunin minn Dun George Schembri u Dun Joe Brincat sajjarna bil-mod, din il-komunita' żagħżugħa fil-forn tal-Kelma t'Alla u tal-Ewkaristija.

Ħbieb tiegħi, kelma ta' ħabib sinċier. Aħna rridu nkunu Knisja li tisma' u ssegwi 'l Gesu' li stieden lil Xmun biex jaqdef il-barra fil-fond (ara Lq.5.4). F'din l-okkażjoni, aħna qed nirċievu l-istess stedina, biex ninqalgħu minn max-xatt tas-sigurta' falza li mingħalina jagħtuna l-idejat tagħna, il-gosti tagħna, id-drawwiet antiki, biex inħarsu lejn il-futur; inċert jekk mibni fuq il-fraġilita' tagħna; sod jekk imdawwal u sostnut mill-Ewkaristija (ara Dok. tas-Sinod. 'Viżjoni ta' Knisja Komunjoni', Par. 6).

Ħobbuha l-Ewkaristija. Żuruha! Irċevuha! L-adorazzjoni tiswa d-deheb. Hekk qal darba 'l mibki Papa Ġwanni Pawlu II liż-żgħażagħ. L-Ostja Mqaddsa tidher ċkejkna, limitata u ċassa, iżd'iżjed ma wieħed isir midħla tal-Ewkaristija, iżjed jimtela bl-ispirtu tal-kobor tagħha, b'imħabbitha bla qies u bl-enerġija li timbuttana 'l hemm mir-raġunijiet umani u mill-forzi tagħna. Kuraġġ.

# *Taħt il-ħarsien ta' Marija Santissima*

Ħadt gost nisma' li z-Zona Pastorali ta' Sta Marija Birkirkara ser issir parroċċa. Dan hu stadju ieħor għall-istorja ta' din il-Komunita' li issa żviluppat tant li ser tieħu dan l-istatus fi ħdan l-Arċidjoċċesi ta' Malta.

Il-programm ta' l-attivita' tiegħi kien dak li semmejt kemm-il darba matul il-ftit żmien li domt rettur. Fuq l-metodu ta' Kristu ħadt żewġ linji ġenerali a) ħidma għal kulħadd u b) ħidma speċjalizzata għall-gruppi.

Xtaqt nara li s-servizz għal kulħadd speċjalment il-quddies, is-sagramenti, l-eżerċizzi, u l-upkeep tal-Knisja u taċ-ċentru parrokkjali jkunu ta' standard għoli, kif jixraq lill-poplu t'Alla. Dan kien jinkludi wkoll il-visti u t-tqarbin tal-morda, it-tħejjija tat-tfal għall-preċett u għall-griżma, il-festi matul is-sena, eċċ. Kont nagħmel li nista' biex inkun preżenti fihom u nara b'għajnejja fejn seta' jsir aktar progress.

Mill-bidu rajt li ċ-Centru Parrokkjali kien għodda mbierka biex fiha ssir aktar attivita' għal dawk li huma gruppi. Billi jien kont għamilt ħafna żmien ma' gruppi differenti bħaż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara u man-Neokatekumenat, xtaqt ħafna nara li l-kmamar u s-Sala taċ-Centru jintlew b'aktar gruppi differenti. Il-bitħa ta' madwar il-Knisja hija wkoll mezz tajjeb fejn it-tfal u ż-żgħażagħ jilagħbu u jiltaqgħu flimkien. Għall-okkażjonijiet speċjali il-bitħa sservi wkoll ta' parking għall-karrozzi

Fiz-Zona kien hemm diġa' gruppi u kummissjonijiet bħal tal-Karismatiċi, tal-Legion of Mary, tal-Liturġija u tad-Djakonija, tal-armar u tat-tindif tal-Knisja, barra l-korijiet li rajt nieqsa kienu dawk taż-żgħażagħ u adolexxenti. Flimkien ma' Fr Godwin Preca sj ħdimna pjan biex twqaqqfu l-ewwel grupp ta' żgħażagħ u żewġ gruppi oħra, wieħed għall-bniet u l-ieħor għas-subien ta' wara l-griżma, immexxija mill-ġenituri tat-tfal stess. Il-ħsieb kien li ta' kull sena jitwaqqfu gruppi ġodda wara l-griżma, ħalli b'hekk ikun hemm leaders u membri ta' eta' żagħżugħa f'din iż-Żona.

Billi qabel ma sirt Rettur kont naħdem aktar f'ambjenti akkademiċi fhimt aktar l-iskop tal-Pjan Pastorali biex issir aktar ħidma dwar il-kultura nisranija f"Malta. L-akbar theddida li għandha il-Knisja fi żmienna hija li titlef ir-rilevanza tagħha fl-ambjenti differenti tas-soċjeta bil-periklu li issir knisja mgħaluqa fiha nfisha mhedija bir-riti u l-folklor reliġjuż. Bdew isiru laqgħat Fidi u Kultura u fost il-mistednin ġie kemm il-darba Fr Peter Serracino Inglott u anke Fr Vanni Xuereb. Kif stennejt saru reazzjonijiet differenti u l-grupp ma tkompliex.

B'daqsekk ma waqgħetx id-dinja u nieħu gost li l-attivitajiet għadhom sejrin u dan juri d-dinamiżmu li hemm u li nawgura li jibqa' jkun hemm fil-parroċċa il-ġdida. Jien nawgura lill-Komunita' Parrokkjali Sta. Marija kull risq u barka, dejjem taħt il-ħarsien ta' Marija Santissima. Nawgura wkoll li jkun hemm aktar nies li jidħlu għar-responsabiltajiet fil-Parroċċa l-ġdida billi jagħtu sehmhom u hekk ikun hemm iżjed ħajja fil-Parroċċa tagħkom.

# TIFKIRA TAT-TWAQQIF TA' PARROĊĊA

*Collectors Item*



Set ta' Tlieta Reprints Black & White ta' Ritratti antiki tal-Knisja l-Qadima tad-daqs 10" x 8" mmuntati u kompluti b'folder.

Edizzjoni limitata u numerata ta' 200 kopja biss.

Prezz: Lm 45

*Ordna din it-Tifkira Speċjali mill-Uffiċċju Parrokkjali*
*Tel.: 21 448 026.*

# *Wirja Fotografika*

*Wirja Fotografika dwar ir-Restawr*
*tal-Knisja l-Qadima*
*u l-Bini taċ-Ċentru Parrokkjali*
*fis-Sala Parrokkjali*
*Ftuħ: il-Ġimgħa 29 ta' April 2005 fis-7.15.p.m.*
*Tibqa miftuħa sal-Ġimgħa 6 ta' Mejju.*

the foto Grafer

*Bil-Kortesija ta' ' The Foto Grafer Fgura*
*Tel: 2166 0166 / 2166 1380*

# L-Istorja tal-Parroċċa ta' Santa Marija Birkirkara

minn Sandro Sciberras B.Ed (Hons.) History, M.A. Baroque Studies

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet fl-okkażjoni li fiha din il-knisja ser terġa' tingħata t-titlu ta' parroċċa, tkun ħaġa tassew xierqa li nitkellmu ftit dwar l-istorja tal-parroċċa ta' Birkirkara u kif żviluppat din il-knisja. Sa mill-bidu tagħha, din il-knisja kellha storja tassew imqallba, u llum ser nagħtu ħarsa lejn l-iktar punti importanti fl-istorja tagħha. Dan it-tagħrif se jkun maqsum fi tliet taqsimiet: iż-żmien Medjoevali (qabel ma nbniet il-knisja), is-sekli 17 u 18 (il-bini tal-knisja u l-istorja tagħha) u ż-żmien modern (ir-restawr). Nittama li, b'dan il-ftit tagħrif li ser nagħti, tagħrfu tapprezzaw iktar dan il-post tassew sabiħ għalina lkoll.

## Iż-Żmien Medjoevali

Id-dokumenti dwar il-parroċċa ta' Birkirkara huma antiki ħafna u jmorru lura sas-seklu 15. Fil-fatt jeżisti sors magħruf li juri kif Birkirkara kienet diġà' parroċċa għall-inqas sa mill-1402. Ir-rollo ta' l-1436 ta' l-Isqof de Mello jurina li f'Malta kien hawn għaxar parroċċi b'kollox, apparti l-Kattidral ta' l-Imdina, bil-ħsieb li jieħdu ħsieb il-popolazzjoni ta' l-irħula li kienet qiegħda dejjem tikber.

Dawn kienu: In-Naxxar - Twelid tal-Madonna; Birkirkara - Santa Elena / Santa Marija; Bir Miftuħ - Santa Marija; Ħal Qormi - San Ġorġ; Bisqallin (Ċejtun) - Santa Katerina; Iż-Żurrieq - Santa Katerina; Is-Siġġiewi - San Nikola; u Ħaż-Żebbuġ - San Filep ta' Aġġira.

Fil-bidu, ma' dawn kien hemm ukoll il-parroċċi ta' Ħal Tartarni (viċin Ħad-Dingli) u tal-Mellieħa. Mons Dusina, fir-rapport tiegħu ta' l-1575 jikteb li sa dik is-sena dawn iż-żewġt irħula kien tneħħilhom it-titlu ta' parroċċa. Ta' min jgħid li l-knisja tal-Mellieħa kienet 'troglodita', jiġifieri knisja ġo għar, fil-waqt li l-oħrajn jidher li kienu knejjes regolari.[1]

L-ewwel parroċċa, jew aħjar cappella, ta' Santa Elena / Santa Marija ta' Birkirkara[2] kienet tinsab fl-inħawi magħrufa bħala ta' l-Għargħar, limiti ta' Birkirkara, u probabbli li kienet tinsab ġewwa t-torri Ruman magħruf bħala Ta' Ċieda. Jidher ukoll f'ħafna dokumenti li hemm ftit tal-konfużjoni meta tissemma lil min kienet iddedikata din il-knisja, għax jissemmew iż-żewġ titli f'daqqa. Mal-parroċċa ta' Birkirkara kienu inklużi wkoll Ħ'Attard, Ħal Mann, Ħal Bordi, Ħal Balzan, Ħal Lija, San Ġiljan, Tas-Sliema, il-Gżira, l-Imsida, Tal-Pietà sa Xatt il-Qasab, Santa Venera u l-Ħamrun[3]. Mill-Militia List tas-snin 1419-1420, jidher li hemm 89 raġel mill-parroċċa ta' Casale Bircalcara li kienu jieħdu sehem fid-Dejma.[4]

1 Buhagiar, M., Medieval Churches in Malta, in Luttrell. A.T., (Ed), Medieval Malta - Studies on Malta before the Knights, The British School at Rome, 1975, p. 172

2 Luttrell, A., The Cappella of Birkirkara: 1402, in Melita Historica 8(1981)2, p. 157

3 Zammit, W.L., Birkirkara fis-seklu XIX, Union Press Co. Ltd, 1995, p. 52

4 Wettinger, G., The Militia List of 1419-20, p. 3

Din il-knisja kienet relattivament żgħira, u kellha wkoll ċimiterju kbir quddiemha. Iżda sa l-1575, din il-knisja kienet fi stat ta' abbandun kbir, skond kif jikteb Mons Dusina fir-rapport li għamel dwar il-knejjes ta' Malta. Mons Dusina jikteb ukoll li f'dik is-sena, il-Kappillan tal-knisja, Dun Giuseppe Bellia, kien instab ħati ta' mġiba mhux xierqa, u kontemporanjament, Ħ'Attard, Ħal Mann u Ħal Bordi nqatgħu mill-parroċċa ta' Birkirkara.5

Il-tieni knisja parrokkjali li ġiet iktar tard kienet fuq in-naħa l-oħra tal-Wied, u s-sit magħżul kien dak fejn iktar tard inbniet il-knisja preżenti. Il-parroċċa kienet ġiet trasferita għal din il-knisja minħabba li kienet id-drawwa li l-knisja parrokkjali tkun l-akbar waħda li tinsab fiż-żona. Jidher li nbniet fl-ewwel snin tas-seklu 16, u dan nafuh minħabba li Mons Dusina, dejjem fl-1575, jikteb li l-artali tal-knisja kienu għadhom jieħdu ħsiebhom l-ulied jew il-werrieta ta' dawk li kienu waqqfuhom, li juri li ma tantx kienu qodma. Din il-knisja kellha 8 artali, 3 bibien u sagristija, u l-art ma kinitx iċċangjata. Mons Dusina ra li d-dfin li kien isir fl-art tal-knisja ma kienx xieraq, u għalhekk ordna li d-dfin jibda jsir f'ċimiterju ma' ġenb il-knisja stess. F'dan iċ-ċimiterju mbagħad inbnew żewġ kappelli żgħar iddedikati lil Sant'Agata u San Bastjan. It-titular ta' din il-knisja kienet l-Assunta.6

Il-knisja kellha forma ta' T, bl-artal maġġur iħares lejn il-Lvant. Il-bieb prinċipali kien iħares lejn il-Punent, sewwasew bl-istess orjentazzjoni li għandha l-knisja tagħna tal-lum. L-artali kienu kollha ddedikati lill-Assunta, u wieħed lill-Madonna tar-Rużarju. It-tnejn tan-naħa ta' Nofsinhar kienu jieħdu ħsiebhom żewġ familji kunjomhom Borg, u tnejn oħra fit-Tramuntana kienu tal-familji Seychell u Micallef. Fil-korsija ma jidher li kien hemm l-ebda artal.7

Din il-knisja Medjoevali baqgħet isservi ta' parroċċa żgur sa l-1618, anke jekk kien diġà beda x-xogħol fuq il-knisja l-ġdida (il-knisja preżenti). F'dawn is-snin kienu twaqqgħu partijiet tal-knisja Medjoevali, bħal per eżempju l-korsija, fil-waqt li partijiet oħrajn tal-knisja medjevali ġew inkorporati fil-bini l-ġdid. Fil-fatt, sa Ottubru ta' l-1634, kienet tlestiet il-korsija l-ġdida u din twaħħlet temporanjament ma' parti mill-knisja medjoevali u b'hekk bdew jiffunzjonaw bħala knisja unika.

Is-Seklu 17 u 18

Mhux magħruf eżatt meta bdiet tinbena din il-knisja, minkejja li xi kotba jsemmu l-1607 bħala s-sena meta beda x-xogħol. Ir-referenza għal din is-sena ma għandha l-ebda konferma dokumentata. Huwa maħsub li l-pjanta tal-knisja ġiet iddisinjata minn Vittorio Cassar, iben il-famuż Ġerolamo, li kien l-aktar arkitett importanti għall-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'dawn is-snin. Fost ix-xogħlijiet l-aktar magħrufa ta' Vittorio Cassar insibu l-Fortizza ta' San Tumas, il-Fortizza ta' San Pawl u dik ta' Santa Marija fuq Kemmuna. Dawn kienu kollha kkummissjunati mill-Granmastru Alof De Wignacourt. Vittorio Cassar iddisinja, iżda mhux neċessarjament bena, dawn il-fortizzi. Iddisinja wkoll xi knejjes, fosthom il-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ u forsi wkoll dik ta' Ħal Tarxien.

5 Lib. Man. 2 fols. unpaginated

6 Vella, E.B., Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata Tagħha, Malta, 1934, pp. 36-38 ; 47-49

7 Borg, V., Tagħrif Ġdid dwar il-Bini tal-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara, in Birkirkara tqim lill-Patruna tagħha Sant' Elena, Malta, 1976

Meta Vittorio Cassar miet fl-1607, ix-xogħol fuq il-knisja tkompla taħt Tommaso Dingli. Dun Filippu Borg qabbad lil Dingli biex jaħdem fuq il-bini tal-knisja, u ħadem ukoll biex joħroġ lil Tommaso Dingli mill-ħabs, meta kien arrestat, bl-iskuża li "... la fabbrica di detta chiesa ancora e imperfetta li abbiamo bisogno della sua opera et assistenza non solamente per un anno o doi ma piuż...".[8] Ma nafux kemm dam ix-xogħol, u lanqas kemm tħallas tas-servizzi tiegħu. Dan minħabba li ma nafux li għad jeżistu kuntratti li jagħtuna iktar tagħrif.

Mill-iskrizzjonijiet li jinsabu f'partijiet differenti tal-knisja, nistgħu nieħdu idea ta' kif żviluppa x-xogħol. Dik fuq in-naħa ta' fuq il-bieb prinċipali tgħid hekk:

D.O.M

Don Philippus Borgius Rector
Hujus Parochiae Ac. V.G Templum
Hoc Deiparae Assumptae Sacrum
Suo Ac Devoti Populo Aere
Innovatum Ampliavit Et
Erexit Anno Domini MDCXVII

Lis-Sinjur wisq tajjeb u ħanin

Dun Filippu Borg
kappillan ta' din il-parroċċa u
Vigarju Ġenerali
din il-knisja għal ġieħ t'Omm
Alla Mtellgħa s-Sema
bil-flus tiegħu u tan-nies devoti
ġedded, kabbar u waqqaf
Fis-sena tas-Sinjur 1617

Minn din il-kitba naraw li l-ikbar benefattur ta' din il-knisja kien Dun Filippu Borg, li twieled f'Birkirkara fl-1567. L-arma tal-familja tiegħu tidher kemm fil-faċċata tal-knisja kif ukoll madwar tal-knisja kollha minn ġewwa. Madwar din l-iskrizzjoni nsibu ħames armi; fuq ix-xellug isfel hemm l-arma ta' Dun Filippu, fuqha tinsab l-arma tal-Granmastru Alof De Wignacourt, li kien il-Granmastru ta' dak iż-żmien. Ħdejn l-arma ta' Wignacourt hemm arma kbira tar-Re Filippu II, Re taż-Żewġ Sqallijiet u sid tal-Gżejjer Maltin. Il-fatt li din hija l-akbar arma u tinsab fin-nofs tal-gwarniċ tagħtina ħafna x'nifhmu fuq il-fehmiet politiċi ta' Dun Filippu. Imbagħad hemm l-arma ta' l-Isqof Balthassarre Cagliares. Taħtha nsibu arma li mhux ċert ta' min hi. Jista' jagħti l-każ li din kienet l-arma tal-Ħakem ta' dak iż-żmien.[9]

Barra l-bieb prinċipali tal-faċċata, il-knisja għandha tliet bibien oħra, wieħed f'kull kappellun u ieħor f'nofs il-korsija, li llum magħluq. Fuq il-bieb tax-xellug tal-knisja nsibu kitba oħra li tirreferi għal Dun Filippu. Din il-kitba, li sfortunatament kważi tħerriet għal kollox, tgħid hekk:

Borgia stella Bovis
Si illumine Westit
Inclita terra Bovem
Sic Venerare tuum
MDCXXXIX

Kif il-kewkba ta' Borg
iżżejjen bid-dawl il-kastell tal-gendus
hekk ukoll inti o art magħrufa
Agħti ġieħ lill-gendus tiegħek
1639

Il-gendus u l-kastell imsemmija fil-kitba huma parti mill-arma ta' Dun Filippu Borg. Din il-kitba tagħtina xhieda li l-kappellun tan-naħa tat-tramuntana kien lest sa l-1639.

8 Zammit, E., Thomas Dingli, 1591 - 1666, B.A. (Hons.) History Dissertation, 1977, University of Malta

9 Noti minn taħdita minn Profs. Mons. V. Borg fil-Kunsill Lokali B'kara nhar il-11 ta' Marzu 2005

Waqt li kien għadu sejjer il-bini tal-knisja, Dun Filippu rnexxielu jakkwista l-permess mingħand Papa Urbanu VIII biex titwaqqaf l-ewwel kolleġġjata tal-Gżejjer Maltin. Dan il-permess wasal bil-Bolla Sacri Apostolatus Ministerio fil-5 ta' Diċembru 1630. L-għażla ta' Kapitlu ta' Kanonċi minn Dun Filippu kienet xi ħaġa straordinarja għal dak iż-żmien, meta wieħed jiftakar li kienet l-ewwel waħda f'Malta, apparti l-Kapitlu tal-Kattidral. F'Għawdex ġa kien hemm tħejjijiet biex il-Matriċi taċ-Ċittadella tar-Rabat tingħata l-istess privileġġ.[10] Il-flus kollha għall-fondazzjoni tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara ħariġhom Dun Filippu Borg stess.

Il-Granmastru ta' dak iż-żmien, Antoine De Paule, kien suspettuż ħafna u ma tantx kellu impressjoni tajba ta' Dun Filippu, u għalhekk ħadha qatta bla ħabel kontieh. Dun Filippu ħa pussess tal-Kolleġġjata f'Mejju ta' l-1635, u l-knisja saret Kolleġġjata. Fl-14 ta' Mejju ta' 1635, il-Granmastru De Paule kien kiteb lill-Ambaxxatur tiegħu f'Ruma li jekk ma kienx ser isir xi ħaġa kontra "dan ix-xiħ, kburi u insolenti", hu kien ser ikun ferm offiż. Il-Granmastru Antoine De Paule deherlu li l-knisja ma kienx jixirqilha dan it-titlu għax, apparti l-faċċata, kienet "għar maħmuġ u abbandunat."[11] Hu qal li din kienet għarukaża kbira li Birkirkara, l-agħar raħal ta' Malta, kellu jkollu dan il-privileġġ. Sa dan iż-żmien, il-bini tal-knisja kien għadu mhux lest, u l-parti li kienet lesta kienet għadha magħquda mal-knisja Medjoevali.

Sa l-1642 kien tlesta l-kor, kif jidher minn iskrizzjoni li hemm fuq it-tieqa tal-faċċata tal-kor. Din tgħid hekk:

| | |
|---|---|
| Virgo Creato | O Bla Tebgħa Omm tal-Ħallieq |
| Ris Mater Davidica | mill-Ġens Ta' David |
| Proles Accipe Stsque | ilqa' lil uliedek |
| Memor Vota Dicata Mei | la tinsiex il-għati Qaddis għal ismek |
| Borgia Complevi Populus | li jiena Borg u n-nies |
| Devotus Et Ipse Sacra | devoti komplejnielek |
| Tamque Tibi Quae So | u ħares nitolbuk id- dar Tiegħek |
| Tuere Dominum | hekk maestuża |
| 1642 | 1642 |

Madankollu, jidher li Dun Filippu Borg kellu xi jgħid mal-Kapitlu ta' Birkirkara, u daħħalha f'moħħu li jneħħi l-Kolleġġjata minn Birkirkara. Dan tixhdu dikjarazzjoni li Dun Filippu stess għamel quddiem in-Nutar Mario Attard fid-9 ta' Awissu 1646, fejn hu wera r-rieda tiegħu li jittrasferixxi l-Kolleġġjata u l-privileġġi kollha tagħna minn Birkirkara għall-parroċċa ta' San Lawrenz fil-Birgu.[12] F'din id-dikjarazzjoni hu jgħid li kien hemm ġlied kontinwu bejn il-Kanonċi, il-Vigarju u n-nies tal-parroċċa. Il-knisja kienet għadha mhux lesta u kien jonqosha ħafna ħwejjeġ, kienet nieqsa mill-qassisin, id-dar tal-Kanonċi kienet għadha ma nbnietx u minħabba li l-knisja kienet f'tarf ir-raħal ta' sikwit kienet tkun vojta. Din il-kwistjoni baqgħet tkarkar għal ħafna snin anke wara l-mewt ta' Dun Filippu.[13]

10 Wettinger, G., Early Maltese Popular Attitudes to the Government of the Order of St. John in Melita Historica 6(1974)3, p. 262

11 AOM 1414 unpaginated fols.

12 Lib. Man. 2 unpaginated fols.

13 Vella, E.B., op. cit., p. 14

Sas-sena 1646, il-knisja kienet lesta minn ġewwa. L-atti tal-visti pastorali ta' dik is-sena jagħtuna l-ewwel deskrizzjoni dettaljata tal-knisja minn ġewwa. Il-knisja Medjoevali ma tissemmiex, li jagħtina x'nifhmu li kienet ġa tneħħiet għal kollox. Il-koppla kienet għadha ma saritx, ix-xogħol fuqha beda fl-1655 u ntemm fis-sena 1656, sena wara. Din kienet ftit aktar baxxa mill-kampnar, u bl-anterna u s-salib b'kollox kienet togħla madwar 28 metru. Dun Filippu qatt ma raha lesta l-koppla għax miet fit-8 ta' Ottubru ta' l-1649.[14] Skond ir-reġistri, huwa ġie midfun fil-knisja f'qabar fil-Kor, li dejjem kien merfugħ għad-dfin tal-Preposti.

L-aħħar biċċa xogħol li saret kienet il-kampnar. Bħal knejjes oħra ta' dak iż-żmien, il-knisja nbniet b'kampnar wieħed, allavolja jidher li l-ħsieb oriġinali kien li l-kampnar jinbena maqtugħ minn mal-knisja, fejn illum hemm is-sagristija. Mir-rapport tal-vista pastorali ta' l-Isqof Alpheran ta' l-1736, il-kampnar sa dak iż-żmien kien għadu mgħammar b'żewġ qniepen kbar. B'hekk jidher li l-knisja damet aktar minn ħamsin sena biex inbniet, jekk nassumu li l-bini beda qrib is-sena 1615.

Iċ-ċerimonji baqgħu jsiru f'din il-knisja b'mod normali, sakemm in-nies ta' Birkirkara ddeċidew li jibnu knisja oħra, li tkun ikbar u f'parti iktar ċentrali tar-raħal tagħhom. F'Ottubru ta' 1727, l-Isqof Gaspare Gori Mancini qiegħed l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida ta' Sant' Elena. Meta l-Kapitlu ddeċieda li jitlaq mill-knisja u jmur fil-knisja ta' Sant' Elena, ġarrew dak kollu li setgħu mill-knisja u għalquha. Matul is-seklu 18, insibu numru ta' visti pastorali mill-Isqfijiet ta' dak iż-żmien li fihom hemm deskrizzjonijiet tal-knisja. Ir-rapport ta' l-Isqof Alpheran ta' l-1747 jgħid "... billi kien hemm xi drabi meta kienet issir xi quddiesa, l-Isqof Alpheranħ ġiegħel illi t-twieqi tal-knisja biċċa jagħlquhom bil-ġebel u oħrajn jitgħattew bix-xoqqa u ħġieġ u ġegħelhom iżommuha ftit nadifa, għaliex ma ipprofanahiex minħabba xi ħwejjeġ li laqtulu qalbu...".[15] Warajh żaru l-knisja l-Isqof Rull fl-1758, u tliet darbiet l-Isqof Labini fl-1781, fl-1783 u fl-1787.[16] F'din l-aħħar żjara, l-Isqof Labini ra li s-saqaf kien diġà f'periklu li jisfronda. Bierek l-oqbra tal-mejtin u ordna li jkunu mbarrati l-bibien biex ħadd ma jidħol fiha.[17] B'kollox il-knisja damet ħajja madwar 120 sena biss.

Bejn l-1798 u l-1800, f"Malta kien hawn il-ħakma Franċiża u speċjalment matul l-Imblokk, il-Karkariżi kienu jużaw il-ħitan tal-ġenb tal-knisja biex jipprattikaw l-isparar bl-ixkubetti. Xhieda ta' dan huma l-ħofor tal-balal li għadhom jidhru sal-lum.

Ma nafu kważi xejn dwar il-knisja fis-seklu 19, imma tajjeb li nsemmu personaġġ storiku magħruf Malti li ndifen fil-knisja tagħna matul dan is-seklu. Ir-rabta ta' Dun Gaetano Mannarino, magħruf fl-istorja għall-Konġura tal-Qassisin ta' l-1775, mal-knisja tagħna hija waħda każwali. Fl-aħħar ta' ħajtu, hu ħalla miktub fit-testment tiegħu li meta jmut irid jindifen "f'rokna moħbija" fil-knisja tal-post fejn ikun joqgħod. Huwa miet fis-7 ta' April 1814, u dak iż-żmien inzerta li kien joqgħod San Giljan. Minħabba li San Ġiljan kien jagħmel parti mill-parroċċa ta' Birkirkara, u hu ried jindifen "f'rokna moħbija", ħasbu li jidfnuh fil-knisja ta' Santa Marija, li kienet diġà abbandunata u b'hekk qablet eżatt mat-talba ta' Dun Mannarino. Fir-reġistru tal-parroċċa ta' Birkirkara hemm miktub li Dun Gaetano kellu funeral mill-aktar fqir.[18] Ma hemm l-ebda ħjiel ċert ta' f'liema parti tal-knisja ndifen, jew liema huwa l-qabar tiegħu. L-unika tifkira tiegħu hija lapida li kienet tinsab fil-korsija u li issa qiegħda fis-sagristija tal-lemin. Xi ġimgħat ilu, Profs Mons Vinċenz Borg żvela li matul ir-restawr tal-knisja huwa ltaqa' ma' qabar f'nofs il-presbiterju illi mill-evidenza li sab probabbli li huwa l-qabar ta' Dun Mannarino.[19]

14 Knisja Kolleġġjata Santa Elena Imperatriżi Awgusta, Birkirkara, p. 127

15 Vella, E.B., op. cit., p. 266

16 Knisja Kolleġġjata Santa Elena Imperatriżi Awgusta, Kummissjoni Programm tal-Festa, 2000, p. 129

17 Vella, E.B., op. cit., p. 267

18 Vella, E.B., ibid., pp. 427 - 428

19 Noti minn taħdita minn Profs Mons V Borg fil-Kunsill Lokali B'kara nhar il-11 ta' Marzu 2005

Matul il-pesta l-kbira li ħakmet il-Gżejjer Maltin fl-1813, il-knisja ntużat ukoll biex fiha u madwarha jindifnu l-mejtin. Xi wħud mill-oqbra tal-knisja li fihom kienu ndifnu l-mejtin tal-pesta ngħalqu b'ħadida fuqhom biex jintgħarfu, b'ordni li ma jinfetħux qabel mitt sena. F'dik l-imxija tal-pesta kienu mietu 281 Karkariż.[20]

L-agħar parti ta' l-istorja tal-knisja tagħna seħħet meta waqgħet il-koppla u faqgħet is-saqaf tal-knisja. Hemm ħafna raġunijiet għala setgħet ġrat din id-diżgrazzja. Ħafna nies, anke llum, iwaħħlu fil-Kanonċi, li saddew l-imwieżeb li minnhom kien jgħaddi l-ilma ta' fuq il-bejt. Oħrajn isostnu li l-art li fuqha nbniet il-knisja mhix stabbli, iżda dan għadu ma ġiex ippruvat fiċ-ċert lanqas illum. Abraham Schembri, li ħadem fir-restawr tal-knisja, kien jgħid li l-ġebel tat-troll kien maħdum irqiq wisq biex jiflaħ it-toqol tal-koppla. Hemm min isemmi wkoll terremot li seħħ qrib il-festa ta' San Massimu ta' l-1856.[21] Li hu żgur, u dokumentat, huwa li sa madwar l-1850, il-koppla kienet għadha f'postha, imma partijiet mis-saqaf kienu ġa waqgħu sa mill-1830. Dan jidher ċar minn numru żgħir imma prezzjuż ta' xogħlijiet artistiċi bil-kulur u bil-lapes, li jmorru lura għal nofs is-seklu 19 u li juru b'mod ċar il-knisja bil-koppla oriġinali, kif ukoll l-ambjent tal-madwar. F'postcard ta' J Bonello, c. 1905,[22] tidher il-knisja bla koppla u saqaf. Interessanti wkoll huwa l-fatt li hija magħrufa l-eżistenza ta' xena waħda biss li turina kif kienet il-knisja minn ġewwa qabel is-seklu 20. F'dan ir-ritratt, meħud min-naħa tax-xellug tal-knisja, jidher parti mill-presbiterju oriġinali.

Fl-1865, is-Soċjetaż delle Arti e Commercio kienet inkarigat lil Francesco Zammit biex iħejji sett ta' pjanti u disinni tal-knisja. Dan id-dokument jinkludi pjanta tal-knisja minn ġewwa bil-qisien tagħha, 2 ritratti antiki kontemporanji u kopji ta' disinni tal-prospettivi tal-knisja.[23]

Jingħad ukoll li wieħed Ingliż espert ta' l-arkitettura kien talab lill-Isqof Sant biex jagħtih permess jinnumera l-ġebel tal-knisja, jeħodhom l-Ingilterra u jerġa' jibniha hemm.[24]

## Iż-Żmien Modern

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, il-knisja kienet tintuża biex fiha jinżammu l-lezzjonijiet ta' l-iskola tal-Gvern, speċjalment fis-sagristiji u f'partijiet oħra tal-knisja msaqqfa bi pjanċi tal-metall.[25]

Fl-aħħar tas-seklu 19 kien beda xi xogħol ta' restawr fuq il-knisja, u kien matul dan ix-xogħol li huwa rrappurtat li ċertu Mabbli Mallia waqa' minn fuq sellum għoli 40 pied f'Settembru ta' l-1894. Fl-1910 kien twaqqaf kumitat tar-restawr,[26] iżda kien l-Arċisqof Gonzi li żar il-knisja lejn l-aħħar tas-snin sittin, u li ddeċieda li kien wasal iż-żmien li din il-knisja terġa' tiġi rranġata kif tassew jixraq.[27] Ftit wara, kienu twaqqfu żewġ kumitati, wieħed mill-Kapitlu ta' Sant' Elena u ieħor mill-Kurja biex jieħdu ħsieb ir-restawr. Involuti fl-oqsma differenti tax-xogħol ta' restawr kienu Mons Profs Vinċenz Borg u Dun Vinċenz Saliba. Ix-xogħol beda uffiċjalment fis-7 ta' Ottubru 1969, taħt Abraham Schembri. Jgħinu fix-xogħol kien hemm ukoll l-aħwa Mikiel u Ġużeppi Catania u Salvu Grima, kollha Karkariżi.[28] Kien ġie deċiż li s-saqaf jinbena tal-ġebel kif kien u mhux tal-konkos. Għal dan il-għan, inħadmu elf u mitejn stilla fil-kwadretti tat-troll. L-ewwel li sar kien li, qalb it-tifrik li kien hemm, fittxew biċċiet oriġinali li setgħu jgħinu biex jagħtu stampa iktar ċara ta' kif kienet il-knisja oriġinarjament. Instabu biċċiet mill-ostja u l-anġli ta' madwar li hemm fis-saqaf. Ġanni Bonniċi għamel l-anġli li naraw illum, Mario Montebello ħadem lil Sant' Elena u l-angli ta' madwarha u Dun Vinċenz Saliba għamel xi skultura oħra, fosthom l-arma ta' l-Isqof Balaguer.

20 Zammit, W.L., op. cit., p. 23
21 Vella, E.B., op. cit., p. 270
22 Said, G., Malta through Post-Cards 1900-1910, Said International Ltd, 1989, p. 3
23 Lib. Man. 1450
24 Caruana, Ç., Saggio Apologetico di Storia..., 1900, p. 107
25 Noti minn taħdita minn Profs Mons V Borg fil-Kunsill Lokali B'kara nhar il-11 ta' Marzu 2005
26 Gazzetta Is-Salib, 3 ta' Diżembru 1910
27 Mallia Borg, A., Il-Kapitlu Elenjan u l-Knisja l-Qadima ta' Santa Marija in Imsiebaħ, 1992, p. 33
28 Agius, L. S., Ir-Restawr tal-Knisja l-Qadima in Programm Festa Santa Marija, 2001, p. 20

Wara li ngħalqu l-oqbra biex l-art tkun iktar soda, seta' jibda x-xogħol. Meta tlesta s-saqaf beda x-xogħol fuq ħajt proviżorju fit-13 ta' Marzu 1972, liema ħajt kellu jagħlaq il-korsija mill-kumplament tal-knisja biex il-korsija setgħet tintuża mill-komunitaż għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi. Il-knisja nfetħet uffiċjalment nhar is-Sibt, 13 ta' Mejju 1972, b'quddiesa minn Mons Mikiel Gonzi. Wara li tlestew il-lunetti beda x-xogħol fuq il-koppla. Iċ-ċirku tal-koppla nħadem b'mod tassew preċiż, u dan għax Abraham Schembri bena pilastru fiċ-ċentru u kull ġebla li kien iqiegħed kien ipoġġiha madwaru b'rutella tal-ħadid. Dan hu ċirku preċiż li ftit hawn bħalu.29

Wara li tlesta ċ-żirku tal-koppla, beda x-xogħol fuq it-tambur. Iżda x-xogħol waqaf fl-1978 u dam wieqaf għal numru ta' snin minħabba nuqqas ta' ftehim fuq kif kellhom isiru t-twieqi tal-koppla, u ukoll minħabba inżident li kellu Abraham Schembri. Meta x-xogħol reġa' beda u ssaqqfet il-koppla, inbnew it-tmien arkati tat-twieqi, kwadri minn ġewwa u fit-tond minn barra, kif jidher li kienu oriġinarjament.

Fi Frar ta' l-1991, beda r-restawr fuq il-prospettivi ta' l-artali tal-Kurżifiss u tal-Litanija. L-ewwel waħda kienet fi stat ħażin u b'hekk saret mill-ġdid, fil-waqt li t-tieni waħda kellha bżonn biss ftit restawr. Ix-xogħol kien sar mill-iskultur magħruf Tarċisio Montebello, megħjun minn John Agius. F'dan iż-żmien, kien qed isir xogħol ieħor fil-kor u l-kolonni ta' madwar, minn Tony Cohen u Amleto Muscat. Ir-Rettur ta' dak iż-żmien, Dun Pawl Camilleri, ħaseb li qabel jitlaq issir pittura fuq il-ħġieġ tal-Madonna mtellgħa s-sema. Din tpoġġiet fit-tieqa l-kbira tal-kor.30 Ir-restawr tal-faċċata tal-knisja u l-ħitan tal-madwar kien sar mill-istudenti ta' l-iskola tal-bini tal-Gvern 'Ġlormu Cassar'.
Fis-Sajf ta' l-1992, beda jitwaqqa' l-ħajt proviżorju li kien inbena 20 sena qabel. Sadanittant, kienet ġiet imħejjija pjanta ġdida għall-presbiterju u kien ittieħed għar-restawr il-Kurċifiss tal-knisja.

F'din l-istess sena, Mons Arċisqof kien ħass il-bżonn pastorali li din iż-żona tkun awtonoma, jiġifieri indipendenti mill-parroċċa ta' Sant' Elena. Dan ġie kkonfermat b'digriet ta' Mons Arċisqof innifsu fil-25 ta' Marzu 1992.

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Mejju 2005, il-komunitaż tagħna ser terġa' tingħata t-titlu ta' parroċċa, unur tassew xieraq lil din il-knisja u lil din il-komunitaż.

## L-Arkitettura tal-Knisja

Din il-knisja hija waħda mill-isbaħ eżempji ta' arkitettura Rinaxximentali f'Malta. L-istudjużi jaqblu li nbniet fuq il-pjanta ta' Vittorio Cassar u tkompliet minn Tommaso Dingli, allavolja ma hemm l-ebda dokument jew pjanta li tikkonferma dan. Calleja, f' "The Works of Art in Churches of Malta", jgħid li l-knisja 'hi mill-isbaħ ta' Malta' u 'tgħaddi lil dawk mibnijin warajha".31

Il-faċċata għandha influwenza Spanjola qawwija, b'żewġ pilastri kbar Korinti f'kull tarf. Fuq il-bieb prinċipali kien hemm tieqa żgħira ovali, bi triangular pediment bejn din it-tieqa u l-bieb. Il-kapitelli korinti jżommu l-friż u l-gwarniċ, minn fejn jibda tiela' l-fontispizju. Fil-faċċata, wieħed jista' jara wkoll tliet pari niċeċ, bil-parti ta' fuq fil-forma ta' arzella. Dawn in-niċeċ huma karatteristika ta' Dingli, u huma mqassmin b'mod simmetriku mal-faċċata kollha.

Wieħed jista' jara wkoll li l-parti l-kbira tal-fontispizju hija nieqsa. Dan il-fontispizju huwa tat-tip Broken Triangular Pediment, minħabba li parti minnu hija mqabbża 'l barra. F'nofs il-fontispizju probabli kien hemm statwa tal-Madonna bil-qamar taħt riġlejha, eżatt bħal tal-knisja parrokkjali ta' Ħ'Attard. Din l-istatwa tinsab fi stat ħażin ħafna u tinżamm f'waħda mis-sagristiji.

29 Agius, L. S., ibid., p. 20

30 Mifsud, P. P., Xogħlijiet fil-Knisja l-Qadima ta' Santa Marija in Imsiebaħ, 1992, p. 13

31 Calleja, G., The Works of Art in the Churches of Malta, 1881, p. 101

32 Vella, E.B., op. cit., p. 96

33 Vella, E.B., ibid., p. 100

Din il-faċċata għandha skultura ddettaljata ħafna, iżda dawn id-dekorazzjonijiet jinsabu f'partijiet partikulari biss. L-armonija, il-bilanċ u s-simetrija tal-faċċata huma l-prinċipji kardinali ta' l-istil Rinaxximentali Malti.

Il-knisja għandha forma ta' salib Latin, bil-parti t-twila tkun il-korsija, il-kappelluni fil-ġnub u l-kor fil-parti ta' fuq tas-salib. Is-saqaf, li għandu forma ta' nofs tond, jew troll, huwa ffurmat b'għadd ta' stilel bi tmien ponot, fil-waqt li l-friż fih tinqix ta' anġli, torri u l-gendus. Ma nafux min ħadem fid-dekorazzjoni interna tal-knisja, iżda jingħad li ħafna mix-xogħol sar minn xi ħabsin Sqallin maħrubin li sabu refuġju f'din il-knisja.[32] Fis-saqaf tal-kor hemm skultura ta' Sant'Elena, fil-waqt li fis-saqaf tal-korsija hemm skultura kbira ta' ostja mdawra b'erba' anġli. Kull anġlu qed iżomm waħda minn dawn l-iskrizzjonijet:

| | |
|---|---|
| In Nomine Jesu Omne Genuflectator | Fl-Isem ta' Ġesu' kulħadd jintefa' għarkobtejh |
| Oleum Effusum | tixrid ta' żejt ta' l-għaġeb |
| Admirabile Momen Tuum | (grazzji) huwa ismek |
| Laudate Momen Domini | Zfaħħru l-isem tas-Sinjur |

Il-korsija fiha sitt kappelli, flimkien ta' żewġ kappelli oħra f'kull kappellun; b'kollox ħdax-il artal.

Il-prospettivi saru madwar mitt sena wara li ntemm ix-xogħol tal-bini, u l-gwarniċi tagħhom illum vojta. Uħud mill-pitturi tal-knisja llum jinsabu fil-knisja ta' Sant'Elena. Fosthom insibu l-pittura tal-Martirju ta' Sant'Andrija, u dik tal-Madonna bil-Bambin flimkien ma' San Xmun Stock, San Franġisk, Sant'Agata u l-erwieħ tal-Purgatorju.

Dwar il-Knisja l-Qadima u l-faċċata tagħha, E.B. Vella jikteb; "Kapitelli, gwarniċi, armi u kollox qisu maħluq biex jitqiegħed wara l-ħġieġ u mhux għal barra!" [33]

## Għeluq

Illum din il-knisja qiegħda tingħata l-attenzjoni li jixirqilha minn numru ta' voluntiera li bla heda jaħdmu u jistinkaw biex dan il-post qatt ma jkun jonqsu xejn. Ilkoll kemm aħna għandna d-dmir li nagħmlu dan. Dan id-dmir għaddewhulna missirijietna, li bnew din il-knisja b'tant imħabba għal Alla u Ommu Marija, u għaldaqstant aħna għandna r-responsabbiltaż li nieħdu ħsiebha u li ngħadduha lil ta' warajna. Dan il-post huwa teżor uniku nazzjonali u żgur li aħna lkoll kburin illi nagħmlu parti mill-istorja tagħha.

Bibljografija


- Agius, L. S., Ir-Restawr tal-Knisja l-Qadima in Programm Festa Santa Marija, 2001
- AOM 1414 unpaginated fols.
- Borg, E.B., Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata Tagħha, Malta, 1934
- Borg, V., Tagħrif Ġdid dwar il-Bini tal-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara, in Birkirkara tqim lill-Patruna tagħha Sant' Elena, Malta, 1976
- Buhagiar, M., Medieval Churches in Malta, in Luttrell. A.T., (Ed), Medieval Malta : Studies on Malta before the Knights, The British School at Rome, 1975
- Calleja, G., The Works of Art in the Churches of Malta, 1881
- Caruana, C., Saggio Apologetico di Storia..., 1900
- Gazzetta Is-Salib, 3 ta' Diċembru 1910
- Knisja Kolleġġjata Santa Elena Imperatriċi Awgusta, Kummissjoni Programm tal-Festa, 2000
- Lib. Man. 2
- Lib. Man. 1450
- Luttrell, A., The Cappella of Birkirkara: 1402, in Melita Historica 8(1981)2
- Mallia Borg, A., Il-Kapitlu Elenjan u l-Knisja l-Qadima ta' Santa Marija in Imsiebaħ, 1992
- Mifsud, P. P., Xogħlijiet fil-Knisja l-Qadima ta' Santa Marija in Imsiebaħ, 1992
- Said, G., Malta through Post-Cards 1900-1910, Said International Ltd, 1989
- Thake, C., Baroque Churches in Malta, Arcadia Publishers, 1995
- Vella, E.B., Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata Tagħha, Malta, 1934
- Wettinger, G., Early Maltese Popular Attitudes to the Government of the Order of St. John in Melita Historica 6(1974)3
- Wettinger, G., The Militia List of 1419-20
- Zammit, E., Thomas Dingli, 1591 - 1666, B.A. (Hons.) History Dissertation, 1977, University of Malta
- Zammit, W.L., Birkirkara fis-seklu XIX, Union Press Co. Ltd, 1995

# *Programm ta' Attivitajiet*

FL-OKKAŻJONI TAT-TWAQQIF TAL-PARROĊĊA

*Il-Ġimgħa 29 ta' April - Ftuħ ta' l-Attivitajiet*

7.15.p.m.- Taħdita fuq l-Arkitettura u r-Restawr tal-Knisja tagħna mill-Perit Michael Ellul fis-Sala Parrokkjali u ftuħ ta' wirja fuq l-istess suġġett.

*It-Tnejn 2 ta' Mejju - Jum il-Gruppi ta' Evanġelizazzjoni*

6.00.p.m.- Quddiesa bis-sehem tal-Gruppi ta' Evanġelizazzjoni tal-Komunita' tagħna. Iqaddes ir-Rev.Patri Mawrizju Mizzi OCarm (Kappillan Parroċċa Madonna tal-Karmnu-Fluer-de-lys).

*It-Tlieta 3 ta' Mejju - Jum it-Tfal*

6.00.p.m.- Quddiesa bis-sehem tat-tfal tad-Duttrina. Iqaddes ir-Rev.Dun Michael Buġeja (Kappillan Parroċċa San Ġużepp Ħaddiem- Birkirkara).

*L-Erbgħa 4 ta' Mejju - Jum Il-Pre-teens, Studenti u Żgħażagħ*

6.00.p.m.- Quddiesa għall-gruppi tal-pre-teens, studenti u żgħażagħ. Iqaddes ir-Rev. Patri John Scerri S.J.

*Il-Ħamis 5 ta' Mejju - Jum il-korijiet*

6.00.p.m.- Quddiesa bis-sehem tal-membri kollha tal-korijiet tal-komunita' tagħna. Iqaddes il-W.R.Mons.Anton Pace.

*Il-Ġimgħa 6 ta' Mejju - Jum il-Kummissjonijiet*

6.00.p.m.- Quddiesa għall membri kolha tal-Kummissjonijiet tal-Parroċċa tagħna. Iqaddes il-W.R.Prepostu Arċipriet Kan.Dun Anton Cassar.

7.00.p.m.- Lejla ta' Kant Marjan, siltiet storiċi u riflessjoni fuq IL-PARROĊĊA FIL-VIŻJONI TAL-KNISJA LLUM. Jieħdu sehem- il-korijiet tal-ParroċċI l-oħra ta' Birkirkara, Sandro Sciberras (Storiku)u Dun Anton Portelli (Delegat ta' l-Arċisoqf għall-Parroċċi).

*Is-Sibt 7 ta' Mejju - Inħejju bit-talb*

6.00.p.m.- Qudiesa bil-Kant u bl-Omelija b'suffraġju għall-erwieħ tas-Saċerdoti, Benefatturi u Voluntiera kif ukoll dawk midfuna fil-Knisja u ċ-Ċimiterju. Iqaddes ir-Rev.du Kappillan Dun manuel Camilleri.

7.00.p.m.- Tibda velja ta' talb u Adorazzjoni quddiem Ġesu Ewkaristija li tibqa għaddejja il-lejl kollu. F'din il-Velja mhux biss huma mistiedna li jippartecipaw il-gruppi u l-għaqdiet tagħna imam anke il-parroċċI li jiffurmaw parti mill-Unita Pastorali tagħna. Din il-Velja tibqa sejra sa ftit qabel il-Quddiesa tas-7.00.a.m.

*Il-Ħadd 8 ta' Mejju - Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa*

6.00.p.m.- Quddiesa Solenni Konċelebrata li fih jinqara d-Digriet li permezz tiegħu l-Komunita tgħa isir uffiċjalment Parroċċa. Imexxi l-W.R.mu Mons. Carmelo Żammit Kanċillier. Janimaw ilKant il-Krijiet tal-Parroċċa tagħna flimkien. Wara din iċ-Ċelebrazzjoni, jiġu preżentati tifkiriet ta' l-okka/joni lill-mistednin distinti u l-istess Kanċillier jikxef Lapida li tfakkar dan l-avveniment.

Wara jkun hemm Riċeviment ta' l-Okkażjoni fiċ-Ċentru Parrokkjali.